MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 161/2003

**Joseph Formosa**

**vs**

**Bank of Valletta plc u Joseph Formosa**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 17 ta’ Frar 2003 fejn esponiet: -

Illi in forza tal-Mandat ta’ Qbid Nru. 62/03 ALC esegwit fir-residenza tal-konvenut Joseph Formosa li jigi bin l-attur giet elevata proprjeta’ mobiljarja riferita fl-imsemmi mandat. (Dok. A).

Illi in forza tal-imsemmi mandat *inter alia* giet elevata proprjeta’ mobiljarja appartenenti lill-attur.

Illi *in vista* tal-fatt li l-mandat riferit gie esegwit biex jigu kkawtelati d-drittijiet tas-socjeta` konvenuta fil-konfront tal-konvenut l-iehor Joseph Formosa l-esekuzzjoni tal-mandat riferit in kwantu jaffettwa proprjeta` tal-attur ma ghandu ebda forza jew effett legali.

Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid nru 62/03 ALC in kwantu jirrigwarda l-proprjeta` tal-attur huwa minghajr forza u effett legali.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-4 ta' Marzu 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. datata 30 ta' Settembru 2003 (fol 14) fejn esponiet: -

1. Illi, preliminarjament it-talba attrici hija irrita, nulla u inamissibbli, *stante* illi ma hijiex preceduta mit-talba biex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-proprjeta' imsemmija mill-attur hija effettivament proprjeta' tieghu, liema dikjarazjoni gudizzjarja hija necessarja.

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-attur ma jaghmel l-ebda prova ta' liema proprjeta' qed jallega li hija tieghu u ghalhekk f'dan l-istadju l-eccipjenti ma hijiex f'posizzjoni teccepixxi adegwatament.

3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-attur ghandu jbati l-ispejjez ta' din il-kawza - anke f'kaz ta' ezitu pozittiv ghalih - u dan *stante* illi huwa qatt ma avvicina lill-Bank u/jew ghamel xi pretensjoni fuq l-oggetti elevati qabel il-prezentata ta' din ic-Citazzjoni, liema kawza ghalhekk, kieku l-fatti kienu kif qed jallega li huma l-attur, setghet tigi facilment evitata.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Novembru 2005 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur mhux assistit. Dehru wkoll il-PL Joseph Zammit u Joseph Borg Cardona ghall-Bank konvenut assistit minn Dr. Dominic Cassar. Dr. Leon Bencini msejjah tliet darbiet ma deherx. Xehed l-attur Joseph Formosa. F’dan il-hin dahal fl-Awla Dr. Leon Bencini ghall-attur. L-attur iddikajra li ma fadallux provi aktar xi jressaq. L-Avukati tal-partijiet ghamlu referenza ghas-sottomissjonijiet diga` maghmulin minnhom waqt is-smigh tal-11 ta’ Mejju 2005 u talbu lill-Qorti li thalli l-kawza ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta’ Jannar 2006; u l-verbali tas-seduti kollha fejn fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2012 il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghall-14 ta’ Frar 2013.

Rat in-nota tas-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Frar 2013 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Dominic Cassar ghas-socjeta` konvenuta. Deher l-attur mhux assistit. Dr. Cassaripprezenta kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda tal-attur tal-15 ta’ Novembru 2005, liema traskrizzjoni kienet nieqsa mill-process. *In vista* tar-reintegrazzjoni tal-process il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-30 ta’ April 2013.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta kienet agixxiet in kawtela ta' kreditu kontra l-konvenut u martu permezz ta' mandat kawtelatorju ta’ Qbid Numru bin-numru 62/03 ALC[1] datat it-13 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet *Bank of Valletta p.l.c. v Joseph u Cristina mizzewgin Formosa* I.D. Numru 178764M u 11818Z. Dan il-mandat gie esegwit fir-residenza tal-attur, li jigi missier id-debitur.

---

[1] **DOK A** esibit a fol.5 tal-process.

Illi bis-sahha tal-istess mandat ta' qbid gew elevati diversi oggetti mobbli mertu tal-kawza odjerna. Skont l-attur il-mandat gie esegwit fuq beni li ma jappartjenux lil ibnu imma li huma proprjeta' tal-istess attur. Ghalhekk l-attur odjern qed jitlob it-thassir tal-effetti tal-mandat in kwantu li dawn jolqtu il-beni proprjeta` tieghu.

In sostenn tat-tezi tieghu l-attur ipproduca lil ibnu bhala xhud[2] li xehed li l-mandat gie esegwit fir-residenza ta' missieru, cioe' fil-post 37 fi Triq l-Arcipriet Carlo Manche' Gzira fejn kien ilu jghix mieghu ghal xi sitt snin. Dan hu l-indirizz muri bhala r-residenza tieghu fuq il-karta tal-identita' tieghu. Hu xehed ukoll li hlief ghall-gradenza antika l-oggetti l-ohra elevati bil-mandat inxtraw minn missieru filwaqt li l-gradenza giet ghand missieru b'wirt. Hu kien prezenti meta gie esegwit il-mandat u kien tkellem mal-marixxall.

**L-attur** xehed[3] li l-fond 37 u 39 fi Triq il-Kappillan Carlo Manche' Gzira, kien ir-residenza tieghu fiz-zmien meta gie esegwit il-mandat. Xehed bil-gurament li l-oggetti elenkati fil-mandat *de quo* huma tieghu. Ma kienx prezenti meta gie il-Marixxall. Xehed li l-licenzja tas-*satellite receiver* hu fuq ismu u li kien xtara l-oggetti imsemmija fil-mandat mill-irkantijiet wara li jkun ra avvizi fil-gurnali, jew *second hand.* Ibnu l-konvenut kien qed jghix mieghu u kien gharrfu li gie esegwit il-Mandat.

**Ikkonsidrat** li mhux ikkontestat li l-fond kien jirrisjedi fih l-attur flimkien ma' ibnu l-konvenut fiz-zmien meta gie esegwit il-mandat.

Minn qari tal-atti tal-mandat a fol 5 sa' 8 tal-process jirrizulta li l-Bank konvenut kien qed jivvanta kreditu ta' Lm13,280 kontra l-intimati ezekutati u gew elevati dawk l-oggetti elenkati a fol. 8 tal-process. Ma jirrizultax mir-riferta tal-marixxall li l-konvenut, li kien prezenti waqt l-ezekuzzjoni, kien informa lill-marixxall li l-oggetti elevati ma kienux ta' proprjeta' tieghu.

---

[2] Xhieda esibita a fol.20 et.seq. tal-process.

[3] Seduta tal-15 ta' Novembru 2005

Jirrizulta mill-ammissjoni tal-konvenut Joseph Formosa, li l-Karta tal-Identita` tieghu kien juri bhala l-indirizz tar-residenza tieghu, il-fond fejn kien jirrisjedi missieru u li allura s-socjeta` kreditrici kienet gustifikata li titlob l-ezekuzzjoni tal-mandat fir-residenza premessa.

Illi jirrizulta wkoll li d-debitur, Joseph Formosa, kien ilu jirrisjedi ma' missieru ghal xi sitt snin u ghalhekk missieru ma kellux il-pussess esklussiv tal-fond fejn gie esegwit il-mandat.

**Ikkonsidrat** li tenut kont il-premess, din il-Qorti tosserva li l-provi mressqa mill-attur kienu wisq skarsi u ma jwasslux ghall-konvinciment, anke fuq bilanc ta' probabbiltajiet, li l-oggetti elevati kienu jappartjenu lill-attur. Huwa minnu li hu ddikjara bil-gurament li hekk hu, u dan anke kkonfermah ibnu bil-gurament. Izda minnkejja li rrefera fix-xhieda tieghu ghal xi licenzja jew permess, fir-rigward, per ezempju, tas-*satellite receiver,* jew ghax-xiri minn irkantijiet ta' uhud mill-oggetti elevati, xorta ma ipproduca ebda dokument jew almenu anke xi xhud disinteressat bhala prova korroborattiva. F'dan il-kaz, l-attur lanqas jista' jistrieh fuq is-sahha ta' xi presunzjoni desumibbli mill-pussess esklussiv tieghu tal-fond peress li ibnu dam is-snin jghix mieghu u huwa daqstant verosimili li ibnu jkun xtara jew gab mieghu xi oggetti mobbli biex jirrendi iktar komdu s-soggorn tieghu.

Gjaladarba huwa l-attur li qed jallega li l-oggetti maqbuda bil-mandat in kwistjoni huma ta' proprjeta' tieghu il piz tal-il-prova ta’ dan jinkombi fuq l-eccipjent ghaliex skond l-**Artikolu 562 tal-Kap 12**, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** l-eccezzjonijiet tal-konvenut Bank of Valletta p.l.c. **tichad** it-talbiet tal-attur.

L-ispejjez jithallsu kwantu ghal nofs (1/2) kull wiehed bejn l-attur u l-konvenut ibnu Joseph Formosa (Karta tal-Identita' 178764M).

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------